



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

---

**2010/2016(INI)**

15.12.2010

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar l-iżgurar ta' studji tal-impatt indipendenti  
(2010/2016(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Angelika Niebler

PR\_INI

**WERREJ**

**Pàġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....3

NOTA SPJEGATTIVA .....9

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar l-iżgurar ta' studji tal-impatt indipendenti (2010/2016(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2010 dwar “Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea” (COM(2010)0543),
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2008 dwar tfassil aħjar tal-liġijiet 2006 skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2007 dwar tfassil aħjar tal-liġijiet 2005: l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2007 dwar l-imminimizzar tal-ispejjeż amministrattivi imposti mil-leġiżlazzjoni<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2006 dwar tfassil aħjar tal-liġijiet 2004: l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjeta – it-12-il rapport<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2004 dwar l-evalwazzjoni tal-impatt tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-proċeduri ta' konsultazzjoni<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2003 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar leġiżlazzjoni aħjar,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 3/2010,
- wara li kkunsidra r-riżultati inizjati tal-istudju kkummissjonat mill-Parlament Ewropew dwar studji tal-impatt fl-Istati Membri tal-UE
- wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Kummissjoni tal-15 ta' Jannar 2009 dwar studju tal-impatt u l-annessi tagħhom (SEC(2009)0092),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju 2002 dwar l-istudji tal-impatt (COM(2002)0276),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas bejn il-Parlament u l-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2010,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2010 dwar Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni - Il-Kompetittività u s-

---

<sup>1</sup> ĠU C 15 E, 21.1.2010, p. 16.

<sup>2</sup> ĠU C 187 E, 24.7.2008, p. 67.

<sup>3</sup> ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 124.

<sup>4</sup> ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 128.

<sup>5</sup> ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 146.

Sostenibilità fix-Xena Prinċipali (COM(2010)0614), (COM(2010)0614),

- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0000/2010),
- A. billi l-istudji tal-impatt jippreżentaw valutazzjoni sistematika tal-effetti mistennija tal-azzjoni leġislattiva,
  - B. billi l-introduzzjoni ta' ambjent regolatorju trasparenti, ċar, effettiv u ta' kwalità għolja għandha tkun objettiv ta' prijorità tal-Unjoni Ewropea,
  - C. billi l-istudji tal-impatt jagħtu kontribut pożittiv lit-tiġib ġenerali tal-kwalità tad-dispożizzjonijiet legali Komunitarji fil-kuntest ta' leġislazzjoni aħjar,
  - D. billi l-problemi li jinqalgħu fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE attwalment applikabbli huma, fost affarijiet oħra, ir-riżultat ta' testi leġislattivi mfassla inadegwament, u billi l-entitajiet leġislattivi kollha Ewropej jaqsmu r-responsabilità għal dan,
  - E. billi, meta jiġu adottati liġijiet ġodda u meta jiġu ssimplifikati u riformulati liġijiet eżistenti, l-istudji tal-impatt jistgħu jservu biex itejbu l-evalwazzjoni tal-effetti soċjali, ekonomiċi, ambjentali tagħhom kif ukoll l-effetti tagħhom fuq is-saħħa, u b'hekk jistgħu jgħinu biex tonqos il-burokrazija,
  - F. billi l-Parlament għal diversi drabi esprima appoġġ għall-użu ta' studji tal-impatt indipendenti fl-Unjoni Ewropea,
  - G. billi l-istudji tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni huma inkonsistenti fil-livell ta' kwalità tagħhom u spiss iservu pjuttost biex jiġġustifikaw proposta leġislattiva milli biex jippermettu kunsiderazzjoni oġġettiva tal-fatti,
  - H. billi l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2003, u l-Parlament u l-Kummissjoni fil-Ftehim Qafas tal-20 ta' Ottubru 2010, ħadu l-impenn li jistabbilixxu aġenda għal leġislazzjoni aħjar, u billi din ir-riżoluzzjoni tinkludi proposti konkreti biex jitjiebu l-istudji tal-impatt,
  - I. billi l-Kummissjoni qed issegwi tip ġdid ta' approċċ fil-politika industrijali, fejn il-proposti politiċi kollha b'impatt qawwi fuq l-industrija għandhom jiġu analizzati fid-dettall fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq il-kompetittività,

### **Rekwiżiti ġenerali għall-istudji tal-impatt fil-livell Ewropew**

1. Jenfasizza li l-istudji tal-impatt huma għajnuna importanti għal leġislazzjoni aħjar, li l-leġislatur Ewropew fil-ġejjieni għandu jisfrutta aktar, sabiex ikun jista' jevalwa aħjar il-konsegwenzi tal-alternattivi tal-politika tiegħu;

2. Jenfasizza li valutazzjoni tal-impatt ma hija bl-ebda mod sostitut għad-dibattitu politiku u l-proċess demokratiku ta' teħid ta' deċiżjoni tal-leġiżlatur, iżda sempliċement isservi biex tgħin fil-preparazzjoni teknika ta' deċiżjoni politika;
3. Jenfasizza li l-istudji tal-impatt għandhom isiru b' mod kompletament indipendenti u dejjem għandhom ikunu bbażati fuq analiżi ffundata u oġġettiva u tal-effetti potenzjali;
4. Iqis li l-involvement ta' esperti esterni fil-proċess tal-istudji tal-impatt bħala rakkomandabbli u neċessarja, sabiex ikunu ggarantiti l-indipendenza u l-oġġettività; jinnota, f'dan il-kuntest, id-distinzjoni fundamentali bejn konsultazzjoni pubblika u valutazzjoni tal-impatt indipendenti;
5. Jitlob għal trasparenza massima fit-tfassil ta' studji tal-impatt;
6. Jenfasizza li l-elementi ewlenin ta' valutazzjoni tajba tal-impatt huma r-rikonoxximent tal-problema, il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, id-definizzjoni tal-oġġettivi li għandhom jintlaħqu u l-elaborazzjoni ta' alternattivi strateġiċi tal-politika;
7. Iqis li huwa meħtieġ li proposti leġiżlattivi ġodda dejjem ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt; jinnota li dan japplika wkoll għas-simplifikazzjoni u r-riformulazzjoni tal-liġi tal-UE kif ukoll l-atti delegati u ta' implimentazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
8. Jitlob li l-istudji tal-impatt jikkunsidraw ammont kbir ta' kriterji sabiex jipprovdu lil-leġiżlatur bi stampa kemm jista' jkun komprensiva; f'dan il-kuntest, jinnota l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali msemmija fil-ftehim interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2003, li għandhom jiġu miġbura f'evalwazzjoni waħda;
9. Iħeġġeġ, fil-kuntest tal-istudji tal-impatt, sabiex dejjem issir analiżi kost-effettiva – jiġifieri, eżami tal-effiċjenza f'termini ta' spejjeż tal-programmi u l-miżuri kollha li jinvolvu nefqa – kif ukoll biex jiġu eżaminati l-implikazzjonijiet potenzjali għall-SMEs; jitlob, f'dan il-kuntest, l-użu konsistenti tal-“SME Test” propost fis-Small Business Act tal-2008; ifakkar, f'dan il-kuntest, li għal kull liġi li timponi piż fuq l-SMEs, liġi li diġà qed tkun ta' piż għalihom għandha tiġi abrogata (ir-regola “one in, one out”);
10. Jitlob, fil-kuntest tal-istudji tal-impatt, għal analiżi intensiva fuq il-proposti ta' politika kollha b'effetti sinifikattivi fuq il-kompetittività industrijali; barra minn hekk, jitlob għal valutazzjoni ex-post dwar l-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE fuq il-kompetittività tal-industrija Ewropea; jinnota li l-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni fil-fatt wiegħdet l-applikazzjoni ta' proċedura ta' dan it-tip;
11. Iħeġġeġ li l-istudji tal-impatt fil-livell Ewropew għandhom jeżaminaw xi spejjeż jiġu ffrankati minn soluzzjoni Ewropea u/jew xi spejjeż supplementari jirriżultaw għall-Istati Membri fin-nuqqas ta' soluzzjoni Ewropea;
12. Jenfasizza li l-istudji tal-impatt għandhom jitfegħu dawl fuq l-alternattivi disponibbli għal-leġiżlatur u dejjem għandhom jinkludu analiżi serju tal-alternattiva ta' nuqqas ta' azzjoni;

13. Jenfasizza li l-istudji tal-impatt ma għandhomx iwasslu għal iżjed burokrazija u dewmien żejjed fil-proċedura leġiżlattiva; jenfasizza wkoll, f'dan il-kuntest, li l-istudji tal-impatt ma għandhomx jintużaw biex jimblukkaw leġiżlazzjoni mhux mixtieqa; ihegġegħ, għalhekk, li jinħolqu kundizzjonijiet tekniċi u amministrattivi biex jiżguraw li l-istudji tal-impatt jitwettqu bil-ħeffa u mal-ewwel, p.e. permezz ta' strumenti bħal ftehimiet qafas, proċeduri ta' sejħiet għall-offerti mgħaġġla u l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi;
14. Ihegġegħ, bi qbil mal-prinċipju tal-Aħjar Prattika, li jsir użu mill-esperjenza miksuba f'pajjiżi oħra fejn studji tal-impatt diġà twettqu għal diversi snin, sabiex ikomplu jitjiebu l-istudji tal-impatt fil-livell tal-UE;
15. Jitlob li l-istudji tal-impatt jiġu aġġornati matul il-proċess leġiżlattiv sħiħ, sabiex jiġu kkunsidrati tibdiliet li jseħħu matul dan il-proċess;
16. Jenfasizza li l-istudji tal-impatt ma għandhomx isiru biss qabel l-adozzjoni ta' test leġiżlattiv (ex-ante) iżda għandhom jitwettqu wkoll wara l-adozzjoni tiegħu (ex-post); ifakkar li dan huwa neċessarju sabiex jiġi vvalutat aktar bir-reqqa jekk l-oġġettivi ta' liġi fil-verità ntlaħqux u jekk att legali għandux jiġi adattat jew għandux jinżamm;

### **Potenzal għal titjib fil-livell tal-Kummissjoni**

17. Jirrikonoxxi li l-livell tal-istudji tal-impatt tal-Kummissjoni għola fis-snin li għaddew; jenfasizza, madakollu, li għad hemm lok għal titjib;
18. Jinnota, f'dan il-kuntest, għall-Impact Assessment Board (IAB) tal-Kummissjoni, li ġie stabbilit fl-2006, li huwa responsabbli għall-iżvilupp ulterjuri tal-istudji tal-impatt tal-Kummissjoni;
19. Jenfasizza li membri tal-IAB huma indipendenti biss f'termini formali, peress li attwalment jinħatru mill-President tal-Kummissjoni u huma soġġetti għall-istruzzjonijiet tiegħu, u għalhekk ma jistax jingħad li huma kompletament indipendenti; jitlob, għalhekk, li l-membri tal-IAB jinħatru mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni; jitlob li ma jkunux iktar soġġetti għall-istruzzjonijiet tal-President tal-Kummissjoni;
20. Jitlob ukoll għall-involviment tal-esperti fix-xogħol tal-IAB minn barra l-Kummissjoni u li ma jkunux soġġetti għal istruzzjonijiet; jitlob, f'dan il-kuntest, għall-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-IAB tal-High Level Group of Independent Stakeholders on Administrative Burdens;
21. Jitlob għall-involviment bikri u komprensiv tal-Parlament Ewropew, anki permezz ta' notifiki u rapporti interim, u b'mod partikolari tal-kumitati rilevanti tiegħu, fil-proċess sħiħ ta' valutazzjoni tal-impatt u fix-xogħol tal-IAB;
22. Jinnota li, qabel l-adozzjoni finali ta' valutazzjoni tal-impatt, ir-riżultati preliminari tagħha dejjem għandhom ikunu soġġetti għal rieżami estern; jitlob, f'dan il-kuntest, għal analiżi esperta ta' kontroll li tkun aċċessibbli għall-pubbliku;
23. Jitlob li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu pprovvduti f'kull każ bi spjegazzjoni bil-

miktub dwar ir-raġuni għaliex il-Kummissjoni ma tixtieqx tagħmel valutazzjoni tal-impatt fir-rigward ta' proposta leġiżlattiva speċifika;

24. Jinnota l-kritika mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fis-sens li l-Kummissjoni kultant tieħu inizjattivi leġiżlattivi minkejja l-fatt li proċess ta' valutazzjoni tal-impatt ikun għadu ma g'ieqx konkluż;
25. Jitlob, fl-interess ta' trasparenza akbar, għall-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-esperti kollha u l-parteċipanti kollha fil-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt;
26. Jitlob, fir-rigward tal-konsultazzjonijiet pubbliċi, li l-gruppi ta' persuni interessati jiġu notifikati fil-ħin dwar kwalunkwe konsultazzjoni pjanata; jitlob ukoll li l-gruppi ta' persuni interessati jingħataw l-opportunità, bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni pubblika, li jikkomentaw dwar l-istudji tal-impatt, kmieni biżżejjed qabel ma tiġi ppubblikata l-proposta tal-Kummissjoni;
27. Jitlob li d-data użata mill-Kummissjoni tkun affidabbli u komparabbli;
28. Jinnota li mhuwiex ta' vantaġġ jekk ir-riżultati ta' valutazzjoni tal-impatt jiġu ppreżentati flimkien ma' proposta leġiżlattiva, peress li dan jagħti l-impressjoni li l-għan prinċipali tal-valutazzjoni tal-impatt huwa li jiġġustifika l-proposta tal-Kummissjoni; għalhekk, huwa tal-parir li r-rapporti interim jiġu pubblikati aktar kmieni;
29. Jitlob li l-Kummissjoni tanalizza l-atti legali adottati sistematikament ex-post;
30. Jitlob lill-Kummissjoni tesprimi l-pożizzjoni tagħha fid-dettall dwar l-istudji tal-impatt imwettqa mill-Parlament;

### **Potenzjal għal titjib fil-livell tal-Parlament Ewropew**

31. Jitlob lill-kumitati tiegħu jagħmlu użu aktar konsistenti tal-istrument eżistenti ta' valutazzjoni tal-impatt tal-Parlament; ifakkar li teżisti linja tal-baġit speċjali għall-preparazzjoni ta' studji tal-impatt;
32. Ifakkar, barra minn hekk, li studji tal-impatt m'hemmx għalfejn ikunu parti minn studju kumpless iżda jistgħu jieħdu l-forma ta' workshops u sessjonijiet ta' smiġħ ta' tal-opinjoni ta' esperti;
33. Jinnota li l-Parlament u l-kumitati tiegħu diġà għandhom il-makkinarju biex jeżaminaw l-istudji tal-impatt tal-Kummissjoni; jenfasizza li dan jista' jieħu l-forma ta' studji tal-impatt komplementari, analiżi aktar dettaljata, rieżami tal-istudji tal-impatt tal-Kummissjoni minn esperti esterni u laqgħat speċjali ma' speċjalisti indipendenti; jenfasizza li, f'dan il-kuntest, il-ħidma tas-sessjonijiet speċjalizzati għandha tkun ulterjorment żviluppata b'mod koerenti;
34. Jenfasizza li l-istudji tal-impatt tal-Parlament għandhom jitqiesu bħala korrettiva tal-istudji tal-impatt tal-Kummissjoni;
35. Jitlob li l-istudji tal-impatt tal-Kummissjoni jiġu trattati sistematikament u kemm jista' jkun malajr fil-livell Parlamentari u, partikolarment fil-livell tal-kumitati;

36. Jenfasizza li d-deċiżjoni għat-tweqqi tal-valutazzjoni tal-impatt Parlamentari għandha tittieħed mill-Kumitat partikolari bil-parteciċipazzjoni tar-rapporteur. iħeġġeġ li r-Regoli ta' Proċedura tiegħu għandhom jiġu emendati biex jiddikjaraw li valutazzjoni tal-impatt tista' tintalab minn kwota minima ta' kwart tal-membri tal-Kumitat;
37. Jenfasizza wkoll l-importanza tal-istudji tal-impatt tul il-proċess Parlamentari leġiżlattiv; jinkoraġġixxi lill-Parlament biex jeżamina l-possibilita' ta' valutazzjoni tal-impatt meta jitwettqu numru ta' valutazzjonijiet sostanzjali fi kwalunkwe stadju tal-proċess leġiżlattiv; jinnota, madankollu, li dan ma għandux iwassal għal dewmien żejjed;

**Ħolqien ta' makkinarju uniformi għall-istudji ta' impatt uniformi għall-Parlament Ewropew u l-prospetti għall-futur**

38. Jenfasizza l-importanza ta' makkinarju għal valutazzjoni tal-impatt uniformi għall-kwalita' u l-koerenza tat-tfassil ta' politika tiegħu stess;
39. Jitlob, għalhekk, għall-ħolqien ta' proċess ta' valutazzjoni tal-impatt integrat fil-Parlament Ewropew; jipproponi, f'dan il-kuntest, l-iżvilupp ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-impatt komuni fuq il-bażi ta' sistema u metodoloġija komuni użata mill-kumitati kollha;
40. Iħeġġeġ li din għandha sseħħ taħt il-patroċinju ta' entita' separat u indipendenti bħalma hi fondazzjoni li twieġeb lill-Parlament Ewropew;
41. Jipproponi li din l-entita' għandha tkun immexxija minn bord li jinkludi l-Membri tal-Parlament Ewropew u li jingħata pariri minn esperti esterni;
42. Jitlob għad-disponibilita' ta' finanzjament newtrali tal-baġit għall-ħolqien ta' entita' f'dan il-livell ta' ħidma; jitlob ukoll, għal dan il-għan, il-ħolqien tal-infrastruttura amministrattiva meħtieġa;
43. Jenfasizza li għandhom isiru kunsiderazzjonijiet fit-tul dwar il-prospetti ta' approċċ komuni għall-istudji tal-impatt imwettqa mill-istituzzjonijiet Ewropej; ifakkar li l-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' Diċembru 2003 kien diġa' talab għal approċċ b'metodoloġija komuni għall-istudji tal-impatt fl-istituzzjonijiet Ewropej;
44. Jiddispijaci li l-Kummissjoni Ewropea topponi l-idea ta' approċċ komuni għall-valutazzjoni tal-impatt mill-Istituzzjonijiet Ewropej;
45. Jinnota li l-Kunsill s'issa għamel użu minimu tal-valutazzjoni tal-impatt bħala strument; jitlob għalhekk biex il-Kunsill ukoll jagħmel użu aktar intensiv tal-istudji tal-impatt sabiex itejjeb il-kwalita' tal-kontribuzzjonijiet tiegħu għal-leġiżlazzjoni Ewropea;

o

o o

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.



## NOTA SPJEGATTIVA

L-istudji tal-impatt huma strument ċentrali tal-leġiżlazzjoni li l-leġiżlaturi Ewropej jeħtieġ jużaw aktar fil-futur. Il-benefiċċji tal-valutazzjoni tal-impatt huma ovvj. Huma juru lil-leġiżlaturi l-konsegwenzi possibbli tal-għażliet ta' politika li jkollhom u jgħinuhom jieħdu deċiżjoni. Għalhekk jistgħu jagħtu kontribut sinifikattiv għal leġiżlazzjoni aħjar. Madankollu, ma jistgħu bl-ebda mod jissostitwixxu d-dibattitu politiku u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet demokratikament leġittimu tal-leġiżlatur. Iservu biss sabiex jippermettu l-preparazzjoni teknika ta' deċiżjoni politika.

Dan ir-rapport huwa maqsum f'erba' sezzjonijiet. L-ewwel jiġu indikati r-rekwiżiti ġenerali kollha fil-livell Ewropew għall-valutazzjoni tal-impatt. It-tieni taqsima tiddiskuti l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni u tenfasizza t-titjib possibbli. It-tielet taqsima hija ddedikata għall-istudji tal-impatt magħmula mill-Parlament Ewropew. Ir-raba' u l-aħħar taqsima titlob sabiex ikun hemm mekkaniżmu komuni għall-istudji tal-impatt fil-Parlament Ewropew li l-Kumitati kollha tal-Parlament għandhom jużaw sabiex itejbu l-leġiżlazzjoni u joħolqu sinerġiji.

### **Rekwiżiti ġenerali għall-istudji tal-impatt fil-livell Ewropew.**

Ir-rapporteur iqis li l-istudji tal-impatt użati mill-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jikkonformaw ma' ċerti prinċipji. Qabel kollox għandhom ikunu kompletament indipendenti u trasparenti. Għandhom ikopru l-kategoriji kollha tal-proposti leġiżlattivi u jużaw metodoloġija ċara. L-għażliet possibbli ta' politiki elenkati għandhom jinkudu wkoll il-possibilità li ma tittieħed ebda azzjoni. Il-konsegwenzi speċifiċi għall-impriżi żgħar u medji għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fejn ikun xieraq. Fl-aħħarnett, l-istudji tal-impatt iridu dejjem jiġu adattati għall-iżviluppi attwali fil-proċess leġiżlattiv.

### **Potenzjal għal titjib fil-livell tal-Kummissjoni**

Ir-rapporteur jirrikonoxxi li l-Kummissjoni tejbet il-kwalità tal-istudji tal-impatt, b'mod partikolari permezz tat-twaqqif ta' Impact Assessment Boards (IAB) tal-Kummissjoni. Madankollu, l-esperjenza, il-kummenti minn kollegi u, l-aħħar iżda mhux l-anqas, ir-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ilkoll juru li l-istudji tal-impatt tal-Kummissjoni fil-forma preżenti tagħhom jagħtu lok għal aktar titjib. Dan jinkludi impenn eqreb mill-kumitati tal-Parlament Ewropew u spjegazzjoni dettaljata għala l-Kummissjoni kultant iżżomm lura milli toħroġ valutazzjoni tal-impatt għal proposti leġiżlattivi individwali. Il-Kummissjoni għandha wkoll tkun lesta tagħti opinjoni dwar studji tal-impatt kummissjonati mill-Parlament.

### **Potenzjal għal titjib fil-livell tal-Parlament Ewropew**

Il-Parlament Ewropew diġà kapaċi jagħmel l-istudji tal-impatt tiegħu stess u jissottometti għal skrutinju l-istudji tal-impatt tal-Kummissjoni. Fil-prattika, madankollu, dan rari jiffirma parti mix-xogħol tal-Parlament. Għalhekk, ir-rapporteur jitlob lill-kumitati konċernati tal-Parlament sabiex jagħmlu użu aktar intensiv minn studji tal-impatt sabiex tisseddaq il-kwalità tal-leġiżlazzjoni tagħha. Ta' min jiġi kkunsidrat ukoll jekk terz mill-membri ta' kumitat għandux ikollhom il-kapaċità li jordnaw li jsiru studji tal-impatt.

## **Ħolqien ta' makkinarju uniformi għall-istudji tal-impatt għall-Parlament Ewropew u l-prospetti għall-futur**

It-talba prinċipali tar-rapporteur hija li jinholq mekkaniżmu uniformi għat-twettiq ta' studji tal-impatt fil-Parlament bil-għan li tittejjeb aktar il-kwalità tal-leġiżlazzjoni u jinħolqu sinerġiji. F'termini ta' organizzazzjoni, dan jista' jseħħ fil-kuntest ta' entità separata u indipendenti. F'terminu itwal ta' żmien, irid jitqies il-prospett ta' mekkaniżmu komuni għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE.